**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar is- 27 ta' Mejju 2025**

**Rik. Gur. Nru.: 99/2023 JPG**
**Kawza Numru : 22**

**JS**
***Vs***
**WS**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' JS datat 24 ta' April 2023, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*A. Dikjarazzjoni tal-Fatti*

1. *Illi l-kontendenti kkuntrattaw zwieg bejniethom nhar t-2 ta' Lulju 2002, skond kif jidher mic-Certifikat taz-Zwieg taghhom illi kopja tieghu qed tigi hawn anness u mmarkata bhala dok A, u minn dan iz-zwieg ma kienx hemm tfal.*
2. *Illi z-zwieg tal-kontendenti tfarrak u tkisser irremedjabilment minhabba ragunijiet rikonoxxuti fil-Ligi, imputabbli lill-intimat, senjatament minhabba nkompatibilita ta' karattri.*
3. *Illi l-esponenti giet awtorizzata tipprocedi b'din l-istanza permezz ta' Digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti, illi kopja tieghu qed tigi annessa ma' dan ir-rikors u esebita u mmarkata bhala Dok B.*
4. *Illi l-kontendenti ma ghandhom xejn li jappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti.*

5. *Illi ma hemmx possibilita ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;*
6. *Illi dawn il-fatti kif hawn dikjarati huma a diretta konoxxenza ta' l-esponenti.*

**B. Raguni ghat-talbiet f'dawn il-proceduri**

7. *Illi l-prezenti proceduri qeghdin isiru sabiex tigi ddikjarata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba r-ragunijiet fuq premessi u rikonoxxuti fil-Ligi.*

*C. Talbiet Attrici*

*Ghaldaqstant r-rikorrenti, in vista ta' dak kollu fuq premess, titlob li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba r-ragunijiet fuq premessi u rikonoxxuti mill-Ligi, imputabbli lill-intimat;*
2. *Tiffissa retta alimentarja xierqa pagabbli mill-intimat ghar-rikorrenti u tordna l- hlas tal-istess manteniment mill-intimat afavur r-rikorrenti, u/jew tordna illi l-esponent jhallas lir-rikorrenti nofs il-pensjoni kontributorja u jew xorta ohra li huwa jircievi minghand il-Gvern.*
3. *Tillikwida w xxolji l-Komunjoni ta' l-Akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, occorendo bl-opera ta' periti nominandi u tassenja lill-esponenti sehemha spettanti lilha minn komunjoni tal-akkwisti kemm il-darba jkun l-kaz.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimat li jibqa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.*

Rat ir-risposta guramentata ta' WS datata 30 ta' Gunju 2023, a fol 18, li taqra hekk:

1. *Illi <u>preliminarjaent</u> qieghda tigi eccepita n-nullita' tar-rikors guramentat ai termini tal-Artikolu 789 (d) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili,*

*Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dan stante illi l-att huwa nieqes minn partikolarita' essenzjali espressament mehtiega mill-ligi stante illi gie prezentat fuori termine, u cioe oltre l-perjodu statutorju ta' xahrejn stabbilit bir-regolament numru sebgha (7) tal-Legislazzjoni Sussidjarja numru 12.20, vide d-digriet tal-gheluq tal-medjazzjoni datat is-sebgha (7) ta' Frar tas-sena kurrenti, kopja legali ta' liema qieghda tigi hawn annessa u mmarkata* **Dok A.**

2. *Illi <u>bla pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu,</u> l-esponenti jirrileva illi huwa ma jopponix ghall-ewwel talba attrici fis-sens illi ghandha tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti pero' mhux minhabba htijiet attribwibbli lilu, izda minhabba htijiet attribwibbli lill-istess attrici li kienet irrendiet ruha hatja fil-konfront tieghu ta' ingurji gravi, adulterju, eccessi u minaccji, u dan kif sejjer jirrizulta fil-kors tal-kawza.*
3. *Illi kwantu ghat-tieni talba, din ghandha tigi michuda stante illi r-rikorrenti hija mara b'sahhitha u tista' tahdem f'impjeg produttiv u barra minn hekk hija ddekadiet minn kull dritt ghall-manteniment minghand zewgha, kif sejjer jirrizulta fil-kors tal-kawza.*
4. *Illi l-esponenti ma joggezzjonax ghat-tielet talba.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kontra l-attrici.*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, id-dokumenti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew debitament notifikati;

Rat id-digriet taghha tas-7 ta' Frar 2023 vide fol 22;

Semghat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kaz;

Rat in-nota ta' JS datata 14 ta' Frar 2024 vide fol 29 li permezz taghha ddikjarat illi hija ddekadiet mid-dritt li hija tircievi manteniment minghand zewgha minhabba li tinsab f'relazzjoni ma' terza persuna. Inoltre m'hemm l-ebda proprjeta' komuni bejn il-partijiet li trid tigi diviza mat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti.

Rat in-nota ta' JS datata 15 ta' Lulju 2024 vide fol 257 li permezz taghha ipprezentat n-numru tal-proceduri ta' medjazzjoni li nfethu sussegwentement ghall-intavolar tal-proceduri odjerni in vista tal-ewwel eccezzjoni;

**Ikkunsidrat:**

L-eccezzjoni in dizamina si tratta ta' talba ghal dikjarazzjoni gudizzjarja illi l-proceduri odjerni huma nulli stante li r-rikors guramentat ma giex ipprezentat entro t-terminu ta' xahrejn skont id-dispozizzjoni relattiva tal-Ligi.

Il-validita' o meno tal-proceduri odjerni hija regolata mill-Ligi Sussidjarja 12.20 li tipprovdi kif gej:

> ***7.(1) Meta l-Qorti tkun awtorizzat lil xi wieħed mill-konjuġi jipproċedi b'kawża għal separazzjoni personali jew divorzju, kull parti tista' tibda l-proċeduri fi <u>żmien xahrejn</u> jew f'dak iż-żmien itwal skond ma l-Qorti tista' tistabbilixxi għal xi raġuni gravi.***

Din il-Qorti tqis illi d-digriet tal-gheluq tal-medjazzjoni fil-kaz odjern inghata fis-**<u>7 ta' Frar 2023</u>** u permezz ta' tali digriet iz-zewg partijiet gew awtorizzati jipprocedu bil-proceduri opportuni fit-terminu mpost mil-ligi (fol. 22).

Din il-Qorti ikkostat illi r-rikors guramentat tal-attrici gie pprezentat fir-Registru tal-Qorti nhar fl-**<u>24 ta' April 2023</u>** u ghalhekk wara l-iskadenza tat-terminu ta' xahrejn. L-attrici setghet ntavolat rikors sabiex titlob estensjoni tat-terminu kemm-il darba kellha raguni valida ghan-nuqqas ta' ottemporanza mat-terminu mpost mil-ligi u din il-Qorti gieli kien hemm cirkostanzi li fihom estendiet tali terminu. Fin-nuqqas, u l-attrici ma

gabet ebda prova biex ixejjen dan, it-terminu applikabbli huwa dak ta' xahrejn. Ghalhekk huwa minnu dak li jghid il-konvenut illi l-proceduri gew intavolati *fuori termine* u ghalhekk huma nulli.

L-attrici ttenta tiggustifika l-kontinwita' tal-proceduri minkejja tali nullita' billi gabet ghall-attenzjoni ta' din il-Qorti illi hija ddekadiet mid-dritt taghha li titlob manteniment u dan minkejja li kienet resqet talba sabiex din il-Qorti tordna lill-intimat ihallas retta alimentari ghaliha nnifisha. Iddikjarat ukoll illi ma kienx hemm proprjeta' komuni bejn il-partijiet x'tigi likwidata u diviza.

Inoltre l-attrici pprezentat proceduri ta' medjazzjoni godda b'tentattiv illi jgib validu dak li huwa null. Din il-Qorti taghmel referenza ghall-principju legali *quod ab initio non valet, in tractu temporis non convalescit* u cjoe dak li huwa null mill-bidu, ma jigix validu bit-trapass taz-zmien.

Din il-Qorti taghmel referenza ghall-insenjament enunzjat fis-sentenzi ta' din il-Qorti kif preseduta fl-ismijiet ***KA vs NF*** deciza fid-9 t'April 2025[1], u fl-ismijiet ***DC vs NC*** deciza fil-15 ta' Frar 2023[2] kif ukoll mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni tal-Familja fis-sentenza fl-ismijiet ***Romina Grima Etrugh vs Dr Kevin Mompalao*** deciza fid-29 t'Ottubru 2021[3].

Il-ligi ma tipprovdix rimedju ghan-nullita' ta' proceduri li ma gewx intavolati fit-terminu legali. Tant hu hekk illi l-Qorti fis-sentenza ***Romina Grima Etrugh vs Dr Kevin Mompalao*** hawn fuq imsemmija, il-Qorti specifikat kif isegwi:

> ***Id-dispożizzjoni tagħti terminu ta' xahrejn għall-preżentata tal-kawża, liema terminu huwa dekorribbli mid-digriet tal-Qorti li bih tiddikjara l-medjazzjoni bħala magħluqa u tawtorizza lill-partijiet sabiex jipproċedu bil-kawża. L-uniku eċċezzjoni għal din ir-regola hija jekk kemm-il darba, qabel l-iskadenza tax-xahrejn, b'rikors il-partijiet***

[1] Rik Gur Nru 54/2024 JPG;
[2] Rik Gur Nru 32/2023 JPG
[3] Rik Gur Nru 22/2020 BS

***iseħħilhom juru għas-sodisfazzjon tal-Qorti illi jeżistu raġunijiet gravi biżżejjed sabiex jiġi akkordat lilhom żmien ulterjuri għall-preżentata tal-kawża.***

Din il-Qorti kkostatat li ma ntalbet l-ebda awtorizzazzjoni sabiex it-terminu jigi estiz u lanqas ma kien hemm gustifikazzjoni ghal tali dewmien ibbazatha fuq raguni gravi. Fin-nuqqas ta' tali cirkostanzi, u minkejja li l-attrici attentat li tissana n-nuqqas procedurali, din il-Qorti ma tistax tqis bhala validu dak li huwa null u ghalhekk m'ghandhiex alternattiva ghajr li tilqa' l-eccezzjoni preliminari tal-konvenut bil-konsegwenzi kollha li dan igib mieghu.

**Decide**

**Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi r-rikors guramentat ta' JS billi tilqa' l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut u konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet u tal-eccezzjonijiet dedotti.**

**Bl-ispejjez kontra l-attrici.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**